MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 8/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**John u Josephine konjugi Axisa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti fuq indikati sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija hamsa u ghoxrin Lira Maltin u hmistax –il centezmu, (LM1,625.15,0), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru

21660225, kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok "A" u "B";

2. Bl-ispejjez tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Semghet lill-konvenut John Axisa jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici hu effettivament dovut lilha mill-konvenuti ghas-servizi telefonici lilhom prestati;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet u tikkundanna lill-konvenuti John u Josephine konjugi Axisa biex ihallsu l-ammont ta' elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u hmistax –il centezmu, (LM1,625.15,0), lis-socjeta' attrici Maltacom p.l.c. bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------